National Book Council
Central Public Library
Prof. Joseph J. Mangion Street
Floriana FRN 1800
Malta EU

+356 27131574
joe.debattista@gov.mt

www.ktieb.org.mt

# Il-Fond Malti tal-Ktieb - Għotjiet għall-Pubblikazzjoni

# Linji-gwida u Regolamenti

## Kontenut

X'inhuma l-Għotjiet għall-Pubblikazzjoni?

X'inhuma l-għanijiet tal-Għotjiet għall-Pubblikazzjoni?

L-Għotjiet għall-Pubblikazzjoni jiffinanzjaw liema proġetti?

Il-Proċess Evalwattiv

Il-Kriterji tal-Eliġibbiltà

Il-Kriterji tal-Aġġudikazzjoni

Kif tapplika

Il-lista ta' dokumenti meħtieġa

It-tħabbir tar-riżultati

L-implimentazzjoni u l-moniteraġġ tal-proġett

Ir-rappurtar

Kellimna

Appendiċi 1: Id-Definizzjonijiet

## X'inhuma l-Għotjiet għall-Pubblikazzjoni?

L-Għotjiet għall-Pubblikazzjoni tal-Fond Malti tal-Ktieb jiffurmaw parti mill-istrateġija tal-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb (KNK) biex jinkuraġixxi l-pubblikazzjoni ta' kotba fis-suq lokali billi jissussidja l-pubblikazzjoni ta' kotba tal-Melitensia.

Il-Fond huwa estensjoni tal-ħsieb olistiku tal-KNK għall-pubblikazzjoni tal-kotba f'Malta li jinkludi l-għajnuna biex jogħla l-livell tal-pubblikazzjonijiet, jiġu inkuraġġuti xogħlijiet u oqsma ta' riċerka ġodda, u biex nippromwovu l-kotba f'sens usa' fit-tentattiv li nimbuttaw 'il fuq il-figuri tal-litteriżmu f'Malta.

It-taqsima tal-Għotjiet għall-Pubblikazzjoni tal-Fond Malti tal-Ktieb għandha allokati €50,000 fis-sena, u dawn il-fondi jwieżnu applikazzjonijiet għall-pubblikazzjoni ta' dawn it-tipi ta' xogħlijiet oriġinali:

- Letteratura (finzjoni, poeżija, drammi, bijografiji, letteratura mhux fittizja u rumanzi grafiċi)
- Xogħol ta' riċerka, li jinkludu kotba akkademiċi (monografi, ġabriet editjati, edzzjonijiet kritiċi, katalgi rriċerkati ta' eżebizzjoni li jkunu jinkludu materjal analitiku frott ir-riċerka).

## X'inhuma l-għanijiet tal-Għotjiet għall-Pubblikazzjoni?

L-għanijiet tal-għotjiet huma:

- Biex inrawmu tkabbir kulturali tas-suq lokali tal-kotba. Din l-inizjattiva hija parti mill-missjoni tal-KNK biex ikollna rwol ewlieni bħala aġenti kulturali, u allura nkunu kontributur proattiv u progressiv għall-iżvilupp kulturali, edukattiv u intellettwali tas-soċjetà.
- Biex inħeġġu l-ideat għal proġetti u inizjattivi ġodda fis-suq lokali.
- Biex nissussidjaw proġetti ta' pubblikazzjoni ta' kwalità kulturali, edukattiva u intellettwali għolja, li minħabba l-kuntest tas-suq lokali mhumiex kummerċjalment vjabbli.

## L-Għotjiet tal-Pubblikazzjoni jiffinanzjaw liema proġetti?

L-iskema toffri l-fondi lil awturi u pubblikaturi biex jiffinanzjaw ir-riċerka, il-kitba, l-editjar, id-dokumentazzjoni, l-illustrazzjoni, il-grafika, l-istampar, il-marketing, u l-ħlas tal-awtur u/jew riċerkatur.

L-Għotjiet għall-Pubblikazzjoni jistgħu iwieżnu sa 100% tal-pubblikazzjoni sa massimu ta' €5,000 kull proġett. L-applikanti jridu jipprovdu **rendikont baġitarju** tal-proġett bi provi ta' stimi uffiċjali.

Kull applikazzjoni tkun assessjata individwalment skont il-kriterji tal-għotjiet.

Ir-rendikont baġitarju
Biex tkun tista' ssostni l-proposta tiegħek trid tipprovdi kopji tal-istimi relevanti li jkunu indikazzjoni tajba tal-ispejjeż **(ara APP III għat-tabella tar-rendikont baġitarju)**. Il-baġit irid jinkludi l-ammonti relatati ma' dħul assigurat, mhux assigurat jew dħul ieħor ippjanat. L-ammont mhux assigurat mitlub mill-fond irid ikun kwantifikat u allokat skont 'l-ammont mitlub' mill-fond.

NB: Kull baġit **irid** jinkludi kemm l-infiq kif ukoll id-dħul minn għejjun ieħor ta' fondi. Għejjun ieħor ta' fondi jew sponsorships iridu jkunu mirfuda bid-dokumenti relevanti.

Jekk disponibbli, kopji iddatati ta' qatgħat mill-istampa (li jinkludu materjal ipprintjat mill-istampa online) li jsaħħu l-kawża tal-applikant għandhom jinthemżu mal-applikazzjoni.

Jekk jogħġobkom aqraw bir-reqqa l-kriterji tal-eliġibbiltà u l-aġġudikazzjoni għall-fond qabel issawru l-proposta tagħkom jew tapplikaw għall-fondi.

Għidulna wkoll jekk irċivejtux fondi pubbliċi fl-imgħoddi u niżżlulna d-dati, l-ammont/i u dettalji relevanti oħra dwar il-fondi li kontu rċivejtu.

## Il-Proċess Evalwattiv

**Ladarba l-applikazzjonijiet jaslu għandna l-ewwel ma nagħmlu niċċekkjawhom għall-eliġibbiltà.** Dawk l-applikazzjonijiet li ma jkunux eliġibbli f'termini ta' proċedura ma jiġux proċessati u lanqas jgħaddu għall-fażi evalwattiva. **Applikazzjonijiet eliġibbli jgħaddu biex jiġu evalwati għand bord indipendenti.**

L-għotjiet jiġu allokati wara proċess kompetittiv ta' aġġudikazzjoni skont damma ta' Kriterji stabbiliti.

Kull kriterju jkunlu allokat numru ta' marki. **Biex proġett jitqies għall-fondi jrid iġib tal-inqas 60 marka.**

Minkejja dan, is-sessjoni evalwativa u d-deċiżjonijiet għall-fondi jiddependu mil-livell ta' kompetizzjoni u l-fondi li jkun hemm. Jiġifieri jekk proġett iġib 60 marka jew aktar ma jfissirx li awtomatikament se jingħata l-fondi.

L-ordni tal-klassifikazzjoni tal-proġetti, skont il-marki mogħtija mill-evalwaturi, **tkun ippubblikata online fi żmien 4 ġimgħat minn meta jagħlqu l-applikazzjonijiet. Jiġu ppubblikati biss l-ismijiet tal-proġetti rebbieħa.**

Il-bord tal-aġġudikazzjoni jista' jkun jitlob xi kjarifiki mingħand l-applikant waqt is-sessjoni evalwattiva; madankollu ma jfissirx li jekk jikkuntattjawk il-membri tal-bord il-proġett tiegħek ikun se jieħu l-fondi. Kull korrispondenza tintbagħat mill-amministratur tal-fondi tal-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb.

**Il-Kriterji tal-Eliġibbiltà**
L-applikazzjonijiet l-ewwel jiġu ċċekkjati skont it-termini tal-eliġibbiltà, u għandhom jintbagħtu mimlija u jkunu jinkludu: id-deskrizzjoni tal-proġett, rendikont baġitarju u skeda taż-żmien approssimattiva.

<u>Id-deskrizzjoni tal-proġett</u>
Bħala parti mill-applikazzjoni, l-applikant irid jikteb **deskrizzjoni konċiża tal-proġett.**

> Id-deskrizzjoni tal-proposta għall-pubblikazzjoni **ma tridx taqbeż l-1,500 kelma.** It-taqsira trid tinkludi deskrizzjoni ta' post ix-xogħol fis-suq Malti tal-pubblikazzjoni. Il-proġett irid ikun wieħed ta' valur u relevaza kulturali, u m'għandux ikun vjabbli u sostenibbli ekonomikament kieku wieħed ikollu jieħu r-rotot magħrufa ta' pubblikazzjoni. Id-deskrizzjoni trid tinkludi għala l-proġett għandu jiġi kkunsidrat għall-fondi, u magħhom il-ġustifikazzjonijiet għall-fondi.
>
> Il-pubblikazzjoni ta' kotba għall-qari każwali, kotba ta' noti mużikali u kotba li jkun fihom biss xbihat jew tal-fotografija huma esklużi minn din l-iskema. It-traduzzjoni ta' manuskritti lokali mill-Malti għal-lingwi oħra, u kotba barranin tradotti għall-Malti issa huma inklużi fil-Fond Malti tal-Ktieb. Irreferi għal-linji-gwida u r-regoli tal-Fond għat-Traduzzjoni.
>
> Pubblikaturi u/jew awturi li qed jippubblikaw ix-xogħol tagħhom stess, jew mitbugħ inkella ebook jew it-tnejn, jistgħu japplikaw għal sussidju biex jippubblikaw ktieb jew aktar minn wieħed. L-applikanti jistgħu jissottomettu aktar minn applikazzjoni waħda fl-istess edizzjoni, iżda waħda biss minn dawn tkun tista' tingħata l-fondi f'dik l-edizzjoni.

<u>Il-finanzi tal-proġett</u>
L-applikazzjoni għandha tinkludi ġustifikazzjoni tal-fondi pprovduti fil-biċċa dwar il-finanzi u **rendikont baġitarju** tal-proġett **(ara APP III għat-tabella tar-rendikont baġitarju)**, u magħhom il-prova ta' stimi uffiċjali. Id-dokumentazzjoni uffiċjali trid tirfed ir-rendikont baġitarju tal-ispejjeż tal-proġett. Dawn jistgħu jinqasmu hekk:

- riċerka,
- kitba,
- editjar,
- dokumentazzjoni,
- illustrazzjoni,
- grafika,
- printjar,
- marketing,
- ħlas lill-awtur u/jew ir-riċerkatur

<u>Skedi taż-żmien</u>
Id-data tal-pubblikazzjoni ta' kull proġett rebbieħ tiġi nnegozjata mal-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb wara li jitħabbru r-rebbieħa u skont il-kuntratt tal-benefiċjarju.

Trid titniżżell data approssimattiva ta' meta l-proġett se jitlesta fid-deskrizzjoni konċiża, u din ma tridx taqbeż it-18-il xahar mid-data tal-kuntratt mal-benefiċjarju.

Proġetti ineliġibbli

Dawk l-applikazzjonijiet għall-għotjiet li jaqgħu f'dawn il-kategoriji mhumiex eliġibbli għall-fondi:

- kotba tal-iskola, manwali ta' istruzzjoni,
- kotba annwali,
- xogħlijiet ta' propoganda,
- kotba ta' qari każwali, kotba ta' noti mużikali u kotba li jkun fihom biss xbihat jew tal-fotografija,
- spejjeż li jkunu diġà ġew koperti minn organizzazzjonijiet kulturali pubbliċi, jew bi programmi ta' fondi oħra mmaniġġjati jew komaniġġjati mill-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb, jew kull aġenzija pubblika oħra, department governattiv jew Ministeru,
- spejjeż b'lura
- applikazzjonijiet b'informazzjoni nieqsa (irreferi għal-lista ta' dokumenti mitluba hawn taħt).

Proposti li ma jsegwux il-kriterji tal-eliġibbiltà ma jiġux proċessati u ma jgħaddux għall-fażi evalwattiva.

## Il-Kriterji tal-Aġġudikazzjoni

Kull applikazzjoni eliġibbli tkun evalwata skont kriterji tal-aġġudikazzjoni stabbiliti f'dawn il-linji-gwida u r-regoli. Il-kriterji qegħdin hemm biex jagħtu rotta lil dawk l-inizjattivi li jkollhom valur kulturali, u dan skont l-aġġudikazzjoni tal-bord.

- ➡ Il-bord tal-aġġudikazzjoni jista' jaqtagħha li jagħti fondi parzjali jew sħaħ lil proġett partikulari jew applikazzjoni.
- ➡ Il-bord tal-aġġudikazzjoni se jibbaża l-ġudizzju tiegħu fuq is-saħħa u l-kompletezza tal-applikazzjoni.
- ➡ Il-bord tal-aġġudikazzjoni jista' jiddiskrimina fil-mod kif iqassam il-fondi lil xi applikazzjonijiet biex ikun jista' jilħaq il-miri tal-fondi skont ċerti prijoritajiet li l-bord ikun iqis importanti għas-suq lokali tal-kotba.
- ➡ Id-deċiżjoni tal-bord tal-aġġudikazzjoni hija finali u mhux kontestabbli.
- ➡ L-applikanti jistgħu jissottomettu aktar minn applikazzjoni waħda fl-istess sejħa, iżda waħda biss tkun tista' tingħata l-fondi f'kull sessjoni.

It-taqsima tal-Għotjiet għall-Pubblikazzjoni tal-Fond Malti tal-Ktieb għandha baġit totali annwali ta' €50,000.

L-aġġudikaturi jevalwaw l-applikazzjonijiet billi jimxu mal-kriterji biex jaslu għal deċiżjoni finali. Id-deskrizzjoni tal-proġett għandha tindirizza dawn it-tliet kategoriji:

1. Il-kwalità tal-proġett propost
2. Il-pożizzjoni fis-suq lokali tal-pubblikazzjoni
3. L-imaniġġjar u l-vijabbiltà

Il-fond jista' jiffinanzja r-riċerka, il-kitba, l-editjar, id-dokumentazzjoni, l-illustrazzjoni, il-grafika, l-istampar, il-marketing, u l-ħlas tal-awtur u/jew riċerkatur. Meta l-applikazzjoni tkun sottomessa l-proġett irid ikun diġà jeżisti bħala forma ta' plan dettaljat tiegħu stess, inkella abbozz jew manuskritt komplet. Irid ukoll ikollu titlu. L-għan tal-proġett irid jiġi pprovdut, flimkien ma' dettalji oħra, referenzi u biblijografiji tal-awtur u l-pubblikatur.

1. **Il-kwalità tal-proġett propost** - TOTAL: 40 MARKA
Is-saħħa u l-kumplessità tal-proġett, u l-kwalità tal-abbozz provdut (CV/Portafoll tal-Awtur u parti mix-xogħol iridu jiġu sottomessi mal-applikazzjoni). **Proġetti li għandhom valur kulturali, edukattiv u intellettwali importanti għas-soċjetà.** (40 marka)

**2. Rabta mas-suq tal-pubblikazzjoni** - TOTAL: 40 MARKA
**Applikazzjonijiet li jkollhom viżjoni konkreta wara l-proġett, u li għandhom mira ċara u definita 'il fejn il-proġett għandu jwassal f'termini ta' kontenut, riżultat u rispons għall-udjenza kkonċernata.**

Dettalji tal-pjan għar-riċerka, l-editjar, l-ippubblikar, l-ipprintjar, id-distribuzzjoni, id-distribuzzjoni u l-promozzjoni tax-xogħol. Dal-kriterju jqis il-livell ta' dettal u l-kuntatti stabbiliti diġà u mwieżna minn dokumentazzjoni relevanti. (30 marka)

Ir-rilevanza u l-valur kulturali tax-xogħol ippubblikat għas-suq lokali. Dal-kriterju jirrikjedi għarfien tas-suq immirat u spjega għaliex il-proġett partikulari qed jimmira li jilħaq dak is-suq partikolari. (10 marki)

**3. L-immaniġġjar u l-vijabbiltà** - TOTAL: 20 MARKA
Iċ-ċarezza tal-applikazzjoni u l-livell ta' dettal provdut. (10 marki)

Il-kapaċità tal-applikant li jimmaniġġja l-proġett (li tinkludi l-immaniġġjar finanzjarju) b'responsabbiltà u b'suċċess. (10 marki)

**Tingħata preferenza lil:**

- Proġetti li ma jkunux vjabbli kummerċjalment, minkejja l-importanza tagħhom.
- Applikazzjonijiet li jipprovdu deskrizzjoni bis-sens ta' kif u għala l-proġett huwa ta' valur kulturali, edukattiv, akkademiku u letterarju għas-soċjetà ġenerali.
- Applikazzjonijiet li jkollhom is-sapport ta' msieħba terzi b'referenzi leġittimi.
- Applikazzjonijiet b'baġits realistiċi mirfuda bi stimi uffiċjali.

**Proġett ta' valur kulturali jista' jkun:**

- Kull proġett ta' proża, poeżija, riċerka u dokumentazzjoni li jiddistingwi ruħu mill-kwalità u l-oriġinalità tiegħu minn kotba ppubblikati qabel b'tema simili.
- Proġett letterarju jew akkademiku ta' kwalità għolja, imma li tant ikun estensiv jew ikollu skop partikulari li jkun jirrikjedi l-għajnuna ta' editur speċjalizzat biex jara d-dawl, inkella jkun jeħtieġ aktar riċerka u xogħol mill-awtur innifsu biex ilesti l-manuskritt.
- Kull proġett li jmur lilhinn mill-fruntieri letterarji jew akkademiċi lokali stabbiliti, u li jwitti mogħdijiet ġodda għax-xena lokali tal-kotba u għas-soċjetà fis-sħuħija tagħha.

**Kif tapplika**

Qabel ma tissottometti l-applikazzjoni, inti meħtieġ taqra l-linji-gwida u r-regolamenti b'reqqa.

L-applikazzjoni tista' tniżżilha minn https://ktieb.org.mt/mt/il-fond-malti-tal-ktieb/ mad-dokumentazzjoni meħtieġa.

Is-sejħa għall-applikazzjonijiet **tagħlaq it-Tlieta 30 ta' Ġunju 2020 f'12:00 (nofsinhar).**

Minħabba s-sitwazzjoni preżenti tal-COVID-19, l-applikazzjonijiet tal-Fond Malti tal-Ktieb iridu jiġu printjati, ifirmati, skennjati u mibgħuta **b'imejl lil michael.mercieca@gov.mt** b'dat-titlu: **Il-Fond Malti tal-Ktieb 2020 - applikazzjoni [U ISEM L-APPLIKANT].**

L-applikazzjoni stampata u ffirmata trid imbagħad tintbagħat bil-posta lill-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb f'dan l-indirizz:

**Il-Fond Malti tal-Ktieb 2020 - il-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb**
**L-ewwel sular, il-Librerija Ċentrali Pubblika,**
**Triq Prof. Joseph J. Mangion,**
**Il-Furjana, FRN1800**

Jekk għandek xi diffikultà jew trid tikkonsulta magħna dwar dal-fond ibgħat imejl lil simona.cassano@ktieb.org.mt. Tista' ċċemplilna fuq +356 99968511 mit-Tnejn sal-Ġimgħa bejn id-09:00hras u l-16:00hrs.

Ħu nota:

- Hija respinsabbiltà tiegħek li tippreżenta applikazzjoni sħiħa kif spjegat f'dawn il-linji-gwida u regoli. Jekk ma tippreżentax l-informazzjoni neċessarja, l-applikazzjoni tiegħek ma tiġix proċessata u titqies ineliġibbli.

- Kemm jekk se tapplika waħdek jew anki ma' kumpanija, oqgħod attent li tinkludi indirizz uffiċjali, numru ta' kuntatt u imejl fl-applikazzjoni tiegħek. Ħu ħsieb ukoll li tiffirma u tikteb id-data (ta' meta lestejt l-applikazzjoni) ta' kull dokument qabel ma' tagħmel kopji identiċi li trid titfa' mal-pakkett tal-applikazzjoni.

- Applikazzjonijiet li jidħlu wara 12:00 (nofsinhar) tad-data tal-għeluq ma jiġux aċċettati.

**Il-lista ta' dokumenti meħtieġa**

Il-lista ta' dokumenti li qed tidher hawn taħt għandhom jakkumpanjaw lill-formola tal-applikazzjoni u huma meħtieġa għal-evalwazzjoni amministrattiva.

Id-deċiżjoni għall-fondi tistrieħ fuq is-saħħa tal-informazzjoni sottomessa. In-nuqqas ta' wieħed jew aktar minn dawk id-dokumenti jkun ifisser li l-applikazzjoni titqies ineliġibbli.

1. Formola tal-Applikazzjoni mimlija fl-intier tagħha, iffirmata, iddatata u li tkun tispeċifika għal-liema fond qed tapplika.
2. Il-proposta tal-proġett.
3. Ir-rendikont baġitarju (li jinkludi l-kopji relevanti tal-istimi).
4. Kopja tal-Karta tal-Identità tal-applikant (quddiem u wara), jew il-permess tar-residenza, jew iċ-ċertifikat taċ-ċittadinanza, jew il-passaport.
5. Referenzi biblijografiċi tal-applikant u/jew l-awtur tal-proġett propost.
6. Referenzi biblijografiċi oħra relevanti.
7. Is-CV/portafoll tal-awtur.
8. Parti mix-xogħol, jekk possibbli.
9. Kull referenza u/jew qatgħat mill-istampa li jirfdu l-proġett propost.
10. Lista, jekk hemm, ta' fondi pubbliċi merbuħa fil-passat.

Hija responsabbiltà tiegħek li ddaħħal din id-dokumentazzjoni neċessarja, kif indikat hawn fuq, sad-data tal-għeluq.

**Jekk issir it-talba, rappreżentanti tal-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb jistgħu jiddiskutu dettalji tal-proċess tal-applikazzjoni mal-applikant qabel id-data tal-għeluq tas-sottomissjonijiet, imma mhumiex awtorizzati jimlew xi parti jew oħra tal-applikazzjoni JEW li jiċċekkjawha qabel ma tapplika.**

**It-tħabbir tar-riżultati**

Ir-riżultati ta' kull fond rispettiv **jitħabbru online fuq www.ktieb.org.mt fi żmien 4 ġimgħat minn meta jagħlaq iż-żmien għas-sottomissjoni. L-ismijiet tal-proġetti rebbieħa biss jitħabbru, u skont il-klassifikazzjoni tal-marki allokati mill-bord tal-aġġudikazzjoni.** Ebda informazioni oħra relatata mal-proċess evalwattiv mhu se tiġi ppubblikata.

Fil-jum indikat hawn fuq l-applilkanti jirċievu notifika tar-riżultati mill-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb, fosthom kopja tal-klassifikazzjoni tal-proġetti skont il-marki allokati mill-bord tal-aġġudikazzjoni.

Jekk applikant ma jirnexxilux jieħu l-fondi xorta jkun jista' jerġa' japplika għas-sejħa li jkun imiss bl-istess proġett, jew bi proġett ieħor.

L-ipproċessar ta' informazzjoni personali
Kull informazzjoni li l-amministraturi tal-fond u l-aġġudikaturi jirċievu titqies kunfidenzjali, kemm waqt u wara l-proċess evalwattiv. Ikun hemm inkluża proviżjoni għall-protezzjoni tad-data u l-kunfidenzjalità għall-proġetti rebbieħa fil-ftehim mal-benefiċjarju.

Kjarifikazzjonijiet u mistoqsijiet
**Id-deċiżjonijiet mittieħda mill-bord tal-aġġudikazzjoni huma finali.**

Jekk għandek xi mistoqsijiet jew trid tikkjarifika xi ħaġa dwar ir-riżultati, jekk jogħġbok **ibgħat imejl lid-Direttur Eżekuttiv tal-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb fuq simona.cassano@ktieb.org.mt fi żmien ħamest (5) ijiem minn meta tkun infurmat dwar jekk ħadtx il-fond jew le.**

Jekk jogħġbok ipprovdi spjega dettaljata u ġustifikazzjoni għat-talba tiegħek b'dokumenti relevanti, jekk possibbli.

**Tirċievi tweġiba fi żmien għaxart (10) ijiem ta' xogħol.**

## L-implimentazzjoni u l-moniteraġġ tal-proġett

Jekk l-applikazzjoni tiegħek tkun approvata u tingħata l-fondi, tintalab tiffirma kuntratt li jispeċifika l-kundizzjonijiet tal-fond. Meta jirċievu l-fond, l-applikanti qed jaċċettaw li l-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb jippubblika isimhom, it-titlu tal-proġett u l-ammont mogħti.

**50% (ħamsin fil-mija) tat-total allokat għall-proġett mill-bord tal-aġġudikazzjoni tingħata meta jiġi ffirmat il-kuntratt tal-benefiċjarju. Il-50% (ħamsin fil-mija) l-oħra tingħata meta l-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb japprova r-rapport finali, is-sottomissjoni ta' żewġ kopji tal-pubblikazzjoni, u s-sottomissjoni tal-fatturi u l-irċevuti finali.**

Il-benefiċjarji tal-Fond iridu jużaw il-logo tal-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb fuq kull materjal u jispeċifika li l-proġett kien megħjun mill-fond - f'kull materjal relatat ma' marketing, PR jew materjal stampat. Il-fondi mogħtija jridu jintużaw esklussivament għall-proġett li jkunu ngħataw għalih, u dan skont il-proposta sottomessa u l-kuntratt.

Il-benefiċjarji jridu jitkellmu mill-ewwel mal-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb jekk ikun hemm xi bidliet li jkunu se jaffettwaw in-natura tal-proġett waqt il-fażi ta' implimentazzjoni. Il-bidliet ma jkunux jistgħu jseħħu jekk ma jkunx hemm approvazzjoni. Il-KNK jirriżerva d-dritt li jirrevedi jew iżomm il-pagament finali jekk il-proġett jitqies li ma mexiex mal-proposta inizjali, jew jekk il-KNK ma jkunx infurmat b'xi bidliet fi żmien adegwat.

## Ir-rappurtar

Meta jitlesta l-proġett l-applikanti jintalbu **jissottomettu rapport dettaljat (li jinkludi fatturi u rċevuti)** li jkun juri ċar ix-xogħol li sar u l-kisbiet tal-proġett fit-tlestija tiegħu, mhux aktar tard minn 18-il xahar wara li jkun ġie ffirmat il-kuntratt tal-benefiċjarju. Ma' dar-rapport il-benefiċjarji jridu jissottomettu **2 kopji tal-ktieb ippubblikat**, u informazzjoni relevanti oħar dwar marketing, pubbliċità jew informazzjoni żviluppata apposta għall-proġett.

Il-KNK jirriżerva d-dritt li juża l-materjal tal-proġett sottomess.

Din l-informazzjoni tkun evalwata mill-amministraturi tal-fond tal-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb u, jekk tkun sodisfaċenti, mela l-50% tal-fond li gifdal tingħata. **Dan l-ammont se jkun aġġustat skont il-fatturi u l-irċevuti mibgħuta.**

Il-KNK jirriżerva d-dritt li jirrevedi l-ħlas finali jekk il-proġett ma jkunx tlesta skont ma kien inkiteb fil-formola tal-applikazzjoni.

Il-KNK għandu d-dritt li jieħu lura l-fondi jekk ma jkunux qed jintużaw u/jew ikunu qed jintużaw ħażin u/jew ma jkunux qed jintużaw skont il-proposta sottomessa u l-baġit.

## Kellimna

Jekk għandek xi diffikultà jew xi mistoqsijiet dwar il-fond, ibgħat imejl fuq andrew.ricca@ktieb.org.mt. Tista' anki ċċempel fuq +356 27131574 mit-Tnejn sal-Ġimgħa bejn id-09:00hrs u l-16:00hrs.

## Defininizzjonijiet u termini użati fl-iskema tal-Fond Malti tal-Ktieb

### Bord tal-aġġudikanti

*Il-bord tal-aġġudikanti, maħtur mill-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb, li jiġġudika u jqassam il-fondi lill-applikanti.*

### Applikant

*L-applikant huwa individwu, jew pubblikatur irreġistrat Malta jew internazzjonali, jew organizzazzjoni rikonoxxuta legalment li tapplika għall-fond.*

### Applikazzjoni

*Applikazzjoni hija sottomissjoni, li tinkludi d-dokumenti meħtieġa kollha u kull appendiċi għall-formola tal-applikazzjoni, li ssir minn applikant eliġibbli.*

### Awtur

*Persuna li ppubblikat minimu ta' ktieb wieħed, storja jew artiklu f'format ta' ktieb.*

### Benefiċjarju

*Min jirċievi l-fond. Il-benefiċjarju huwa responsabbli għall-implimentazzjoni tal-proposta mwieżna mill-Fond Malti tal-Ktieb.*

### Ktieb

*Pubblikazzjoni mitbugħa li jkollha ISBN.*

### Eliġibbiltà

*L-applikazzjonijiet jiġu ċċekkjati għall-eliġibbiltà. Proposti li ma jitqisux eliġibbli skont il-kriterji stabbiliti ma jiġux ipproċessati u lanqas jgħaddu għall-fażi evalwattiva.*

### Fond

*Fond jista' jkun wieħed għall-pubblikazzjoni jew għall-promozzjoni lilhinn minn xtutna maħruġ mill-KNK.*

### Kotba Maltin

*Kotba bil-Malti jew bl-Ingliż ippubblikati Malta u li jkollhom ISBN Malti.*

### Melitensia

*Kotba, elettroniċi jew mhux, ippubblikati Malta, jew minn awturi Maltin, jew dwar Malta, jew bil-lingwa Maltija, jew dwar kull aspett ieħor ta' studju dwar Malta minn kull awtur.*

### Proġett

*Il-ktieb li l-applikant qed jippjana li jippubblika bis-sapport tal-Fond Malti tal-Ktieb.*

### Pubblikatur

*Persuna jew grupp ta' persuni li għandhom dar tal-pubblikazzjoni li tkun ippubblikat tal-inqas ktieb wieħed minn awtur wieħed.*

### Kotba tal-iskola

*Pubblikazzjoni użata bħala xogħol għall-istudju dwar suġġett partikulari fl-iskola (f'kull livell).*

### Traduttur

*Persuna li qalbet minimu ta' ktieb wieħed, jew storja jew artiklu f'forma ta' ktieb, jew tkun xhud ta' ħiliet fit-traduzzjoni.*

### Għotja għat-Traduzzjoni

*Għotja mogħtija taħt kategorija 1 jew kategorija 2 tal-Fond Malti tal-Ktieb - Għotjiet għat-Traduzzjoni, li jiffinanzjaw it-traduzzjoni ta' pubblikazzjonijiet letterarji identifikati minn ISBN (finzjoni, letteratura mhux fittizja, poeżija, drammi, bijografiji, xogħol akkademiku u rumanzi grafiċi).*

### Kotba annwali

*Pubblikazzjoni annwali li jkun fiha informazzjoni u statistika dwar attivitajiet li seħħew fl-imgħoddi.*